# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Frar 2000**

**Numru 69**

**Citaz. numru 873/86 DS**

Sunny Borg u Mario Grech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Middle Sea Insurance Company Limited bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Farrugia Ltd.
Vs
Ralph Bianchi u Michael Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bianchi & Sons Limited bhala agenti tal-vapur M.V. Tucuman,
u
John Cavallo u Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Company Limited

Illum, 8 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Settembru 1986 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi s-socjeta' John Farrugia Ltd. kellha timporta f'Malta hmistax (15) "bundles timber", liema merkanzija giet moghbija fuq il-vapur M.V. Tucuma kif jidher mill-kopja tal-polza tal-kariku hawn annessa u immarkata "Dok. A";

Illi meta l-imsemmija "bundles timber" waslu ghand l-imsemmi konsenjatarju sab illi kien hemm nuqqas ta' zewg (2) "bundles";

Illi s-socjeta' attrici fil-kwalita taghha ta' assigurattrici ta' John Farrugia Ltd. hallset lill-istess is-somma ta' tlett mija u zewg liri u ghoxrin centezmu (Lm302.20) bhala kumpens ghall-imsemmija nuqqasijiet u inkluzi zewg liri u ghoxrin centezmu (Lm2.20,0) spejjes, u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu kif jidher mill-annessa kopja ta' ricevuta u surroga hawn annessa u immarkata "Dok. B";

Illi l-konvenut jew min minnhom huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija;

2. tikkundannohom ihallsu s-somma ta' Lm302.20 imhallsa in rifusjoni tal-pagament maghmul minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti nomine li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni bl-imghaxijiet mid-data tal-pagament maghmul mill-atturi nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u John Cavallo nomine fejn qalu;

1. Illi preliminarjament ghandha tigi esebita il-polza ta' assigurazzjoni relattiva allegata mis-socjeta' attrici relattiva ghall-merkanzija de quo.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet kollha taghhom bid-diligenza kollha minnhom rikjesta mill-ligi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ralph Bianchi u Michael Bianchi nomine fejn qalu:

Illi mhuwiex car min hu l-konvenut f'din il-kawza. Jekk il-konvenut huwa "Bianchi and Sons Limited" allura jeccepixxi illi bhala agenti tal-vapur huwa ma kkaguna l-ebda telf u mhuwiex responsabbli ghall-allegat

telf li sofra l-assigurat tal-attur noe. Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur noe fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda. Illi jekk il-konvenut huwa l-vapur allura jeccepixxi illi huwa m'ghandux rappresentanza tal-vapur u l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni illi tiehu konjizzjoni tal-kawza peress li l-vapur mhuwiex f'Malta.

Illi, minghajr pregudizzju l-merkanzija kollha giet skarikata f'idejn il-konvenuti l-ohra f'dawn il-proceduri u r-responsabbilita' tal-vapur ma testendix oltre ix-"ships rail'. Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur noe ghandhom jigu michuda.

Illi minghajr pregudizzju, ir-responsabbilita' tal-konvenut noe, tkun xi tkun il-kwalita' li biha gie mharrek, hija limitata skond il-polza u l-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Frar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Fenech bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Mejju 1989 fejn ghall-perit legali msemmi giet sotitwita l-Avukatessa Dr. Loredana Gatt;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Novembru 1991 fejn ghall-imsemmija perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Giovanni Grixti;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Gunju 1993 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Philip Manduca;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta’ Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ John Farrugia Ltd. kellha timporta f’Malta hmistax-il bundle injam li kellhom jaslu permezz tal-vapur Tucuman. Il-vapur wasal Malta fl-20 ta’ Settembru 1985 u meta s-socjeta’ importatrici marret tirtira l-merkanzija, sabu zewg bundles

neqsin. Ghalhekk sar "claim" mal-kumpanija attrici assikuratrici li, wara l-verifiki mehtiega, halset is-somma ta' Lm302.20 u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha.

F'kazijiet bhal dawn id-dokumenti relevanti, senjatament it-"tally sheets" u l-"gate pass-out" huma ta' l-akbar importanza peress li jevidenzjaw is-sitwazzjoni fl-aktar mumenti krucjali: meta l-merkanzija titnizzel minn fuq il-vapur u meta tigi rilaxxata lill-importatur. F'dan il-kaz hu assodat li s-socjeta' importatrici rceviet tlettax-il bundle biss. Fejn sar in-nuqqas?

Mill-bill of lading (Dok. A a fol. 4) u telex (Dok. I a fol. ) jidher li ntbaghtu hmistax-il bundle. Mit-tally sheets Dok. TS1 u TS2 esebiti minn Anthony Spiteri, xhud prodott mill-konvenuti Bianchi nomine, jirrizulta li tnizzlu minn fuq il-vapur tnax-il bundle u bundle wiehed rispettivament bil-marki "APPIA J". Huwa esebixxa wkoll tally sheet Dok. TS3 mnejn jidher li tliet bundles nizzlu minghajr marka. Dan ma jfissirx li l-merkanzija destinata lis-socjeta' importatrici giet effettivament skarikata u mghoddija f'idejn is-socjeta' konvenuta l-ohra. Ghalhekk it-trasportaturi ghandhom jinzammu responsabbli ghan-nuqqas.

Il-konvenuti Bianchi nomine, apparti l-eccezzjonijiet fil-mertu, qed jeccepixxu wkoll li: (1) m'ghandhomx rapprezentanza tal-vapur, (2) il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza peress li l-vapur mhuwiex Malta, (3) ir-responsabbilta' tal-vapur ma testendix oltre x-"ship's rail", u (4) ir-responsabbilta' taghhom hija limitata skond il-polza u l-ligi. Dwar dawn l-eccezzjonijiet ma ressqu l-ebda prova u ma ghamlu l-ebda referenza nonostante li xehdu rapprezentanti taghhom. Ghalhekk ma jistghux jigu milqugha.

Il-konvenuti John Cavallo u Godwin Abela nomine eccepew preliminarjament li ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni relattiva mis-socjeta' attrici. Ghalkemm is-socjeta' attrici ma esebietx il-polza nnifisha, giet esebita s-surroga, hemm id-dikjarazzjoni guramentata ta' Mario Grech nomine li s-socjeta' attrici kienet l-assiguratrici tas-socjeta' John Farrugia Ltd., u l-konvenuti stess ma ghamlu l-ebda referenza ghal din l-eccezzjoni li hija ghalhekk michuda. Mill-banda l-ohra l-eccezzjoni l-ohra fil-mertu hija milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ralph Bianchi u Michael Bianchi nomine, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti John Cavallo u Godwin Abela nomine izda tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom u

tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Bianchi nomine billi:

(1) tiddikjara lil Ralph Bianchi u Michael Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bianchi & Sons Ltd bhala agenti tal-vapur m.v. Tucuman responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija, u

(2) tikkundannahom ihallsu lill-atturi nomine s-somma mitluba ta' Lm302.20 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Ralph Bianchi u Michael Bianchi nomine salv dawk ta' John Cavallo u Godwin Abela nomine li jigu sopportati mill-atturi nomine.

**ONOR IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**